**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta’ Jannar, 2016

Rikors Nru : 420/15 AL

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-esponenti zzewgu nhar l-1 ta’ Ottubru tas-sena 2005, skont kif jidher mill-att taz-Zwieg relattiv ill kopja originali tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi miz-zwieg bejn l-esponenti, nhar id-9 ta’ Jannar tas-sena 2007 twieled il-minuri NC;

Illi z-zwieg bejn l-esponenti sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament nhar id-9 ta' Jannar 2015 huma kkonkludew kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom fl-atti tan-Nutar Sean Critien fejn huma, *inter alia*, ftehmu s-segwenti :-

- Permezz tal-Klawsola 5, l-esponenti A B rrinunzjat ghad-dritt illi tircievi manteniment minghand zewgha, filwaqt illi l-esponenti C E. D ddekada mid-dritt illi jircievi manteniment minghand martu;

- Permezz tas-sezzjoni Manteniment Klawsola (1) sa (9), gie maqbul manteniment pagabbli b'riferenza ghall-minuri N D, liema manteniment thallas puntwalment sa llum;

Illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto*, sa minn Lulju tas-sena 2011, b'dan illi huwa sodifatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Illi llum-il gurnata, l-esponenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa minn Lulju tas-sena 2011 u effettivament it-tnejn ghandhom relazzjonijiet ma' terzi persuni, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha stabbiliti mil-Ligi sabiex jigi pronjunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(1) Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Ottubru 2005, ai termini tal-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tar-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-9 ta’ Jannar 2015 u ilhom de facto separati minn Lulju 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.